FLORIANA

KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

20 ta' Marzu 2015

## LAQGĦA TAL-KUNSILL

**Minuti tat-Tlieta u Erbghin (43) laqgħa tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana**

Is-Sindku sejjah **it-Tlieta u Erbghin (43) laqgħa** tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana, li nzammet **nhar il-Hamis 5 ta Marzu 2015 fil- 5.30 pm**, b'din l-agenda:

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti imqajjma mill-minuti
3. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
4. Mistoqsijiet lis-Sindku
5. Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati
6. Rapporti minn Ufficjali tal-Kunsill
7. Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji
8. Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet
9. Progett Binja Vilhena
10. Progett tal-Forzi Armati - Taht il-Forka
11. Vettura ghall-Kunsill Lokali
12. Kuntratt ta' separazzjoni tal-iskart
13. Evalwazzjoni ta Offerti
14. Traffiku u Parkegg
15. Inventarju tal-Assi tal-Kunsill
16. Bankini fi Triq il-Konservatorju
17. Ktejjeb Hidmet il-Kunsill Lokali Floriana 2012-2015
18. Aggornament tal-Laqgha

Ghat-Tlieta u Erbghin (43) laqgha tas-Sitt Kunsill kien hemm prezenti **is-Sindku Nigel Holland, il-Vici Sindku Matthew Paris u l-Kunsillier Vincent Borg flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv assistit mill-iskrivana E. Borg Bonaci.**

**Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili attendiet wara materja nru 3.4.**
**Il-Kunsillier Edward Torpiano ma kienx prezenti ghal-laqgha.**
**L-Ambaxxatrici Lokali ghaz-Zghazagh Michaela Farrugia ma setghetx tkun prezenti.**

**Bidu tal-laqgha:**
Il-laqgha nfethet permezz ta' talba zghira mis-Sindku Nigel Holland.

## 1.0 Approvazzjoni tal-Minuti

1.1. Il-minuti tat-tnejn u tletin (32) laqgha tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.2. Il-Kunsillier Vincent Borg ressaq il-korrezzjoni ta' materja nru 3.8 li ghandha taqra "magenb il-Knisja fi Triq San Publju".

1.3. Il-minuti msemmija f'1.1 gew approvati unanimament, wara li tressqet mozzjoni mill-Vici Sindku Matthew Paris u ssekondata mill-Kunsillier Vincent Borg. Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mis-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

## 2.0 Punti imqajjma mill-minuti

2.1 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 3.5 (42) u saqsa jekk il-Kunsill kienx informa lill-Kazin tal-Banda Vilhena b'dak li gie diskuss fl-ahhar laqgha. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li kien informahom hekk kif diskuss u saret il-korrezzjoni.

2.2 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 3.9 (42) u qal li minkejja li sar double yellow line, xorta wahda kienu ghadhom qed jipparkjaw il-vetturi.

2.2.1 Is-Sindku Nigel Holland qal li kien xoghol il-gwardjani lokali li jaraw li ma jkunx hemm ipparkjar illegali.

2.2.2 Is-Segretarju Ezekuttiv qal li minkejja dan, s'issa kienu diga nfaqghu zewg spralli minhabba l-ipparkjar illegali f'din it-triq. Huwa qal li l-ispiza s'issa kienet tammonta ghal €140 u tali spiza kienet ser tibqa' ezistenti jekk ma kienux ser jittiehdu passi.

2.2.3 Il-Kunsillier Vincent Borg issuggerixxa li ssir barrier sabiex ma jkunux jistghu jitilghu vetturi fuq il-bankina. Huwa qal li c-cwievet setghu jinghataw lir-residenti f'kaz li l-barrier ikollha bzonn tinqala'.

2.2.4 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li per principju hu ma jaqbilx li trid ghandha tinghalaq u tigi triq privata.

2.2.5 Is-Sindku ssuggerixxa li minflok jithalla spazju biss ghal zewg vetturi u fil-kumplament tal-ispazju jsiru bollards filwaqt li fi Triq l-Argotti jithalla spazju ghal vettura wahda. Huwa qal li hekk ir-residenti setghu jirrangaw bejniethom sabiex jutilizzaw dawn il-parkeggi. Il-Kunsillier Vincent Borg qal li din taf tohloq diffikulta'.

2.2.6 Ghalhekk is-Sindku ssuggerixxa li jsir spazju ta' parkegg wiehed naha u l-iehor fi Triq l-Argotti u fil-kumplament tal-ispazju jitpoggew bollards. Il-Kunsillier Vincent Borg qal li b'dak il-mod se jkun hemm bzonn li titnehha it-tabella tan-no entry.

2.2.7 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li minflok, il-Kunsill seta' jikkunsidra li jitlob gwardjan lokali sabiex iharrek lil min jipparkja b'mod illegali. Il-Kunnsill qabel mal-proposta.

2.2.8 Il-Kunsillier Vincent Borg issuggerixxa li l-Kunsill inehhi t-tabella tan-no entry u minflokha jaghmel tabella ta' cul de sac.

2.3 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 2.13 (42) u saqsa jekk kienx

hemm xi zviluppi. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li kien kellem lil Perit Charlene Sammut minn Transport Malta.

2.4 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 12.0 u saqsa jekk kienx gie s-Sur Sario Saliba u jekk kienx hemm xi zviluppi dwar is-sitwazzjoni fil-gnien. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li l-problema fil-gnien kienet ilha pendenti hafna u s-Sur Saliba informah li ser jipprova juza sealer apposta ma' xi fanali ghax l-ilma qed jidhol fil-fanali u jitfi d-dawl. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li jekk il-problema tibqa' tali ser ikun hemm bzonn li tinhareg sejha ghall-offerti minhabba l-ispiza izda f'dak il-kaz, il-Kunsill ser ikollu bzonn jipprioritizza l-finanzi tieghu.

## 3.0 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

3.1 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li kien miet is-Sur John Hackshaw fi New Zealand. Huwa qal li s-Sur Hackshaw kien attivist kbir tal-Floriana u bniedem simpatiku hafna. Il-Kunsillier Vincent Borg qal li jissekonda s-sentiment tieghu.

3.2 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill bil-proposta tas-Sur Noel Castillo li esprima l-hsieb li jkun hemm prezentatur professjonali ghall-Festival Nazzjonali tal-Loghob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat. Is-Sindku talab lill-kunsillieri biex jekk ghandhom xi suggerimenti, iressquhom mill-aktar fis.

3.3 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-kazin tal-banda kellhom il-hsieb li jaghmlu lapida ta' tifkira mal-binja fejn kien jghix Monsinjur Mikiel Azzopardi fi Triq il-Miratur. Huwa ppropona li l-Kunsill jipproponi li din il-lapida ssir b'mod kongunt fejn jiehu hsieb ihallas l-ispejjez tal-Perit u l-applikazzjoni tal-MEPA. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

3.4 Is-Sindku ghamel riferenza ghad-dwal fil-masgar ta' faccata tad-Dar tal-Kunsill u saqsa x'kienet il-problema. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li kien ghad fadal li jsiru il-kaxxi tal-meters u s-salvaviti. Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li l-Kunsill kellu jzomm f'mohhu li dalwaqt kien ser johrog il-permess mill-MEPA ghall-progett li l-Kunsill applika ghalih u ghalhekk kellu joqghod attent li ma jehilx spejjez zejda.

**<u>Nota: 18:00 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili attendiet ghal-laqgha.</u>**

3.5 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li kien gie mgharraf li l-flus dovuti mill-progett GARDMED kellhom jaslu dalwaqt. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li dawn il-fondi kienu ser ikunu t'ghajnuna kbira ghall-Kunsill sabiex ikunu jistghu jinqatghu il-kontijiet u jsiru progetti zghar pendenti.

3.6 Is-Sindku ressaq korrispondenza minghand l-editur tal-gazzetta Il-Furjana fejn offra lill-Kunsill riklam fuq erbgha pagni ghall-prezz ta' €200. Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li m'ghandux oggezzjoni li jsir dar-reklam minflok il-pubblikazzjoni tal-leaflets. Is-Sindku qal li l-Kunsill jaghmel ammont kbir ta' leaflets bi prezz iktar kompettitiv. Il-Kunsill qabel li ghandu jaghmel l-awgurju izda ma jaqbilx li jaghmel l-erbgha pagni offruti.

3.7 Is-Sindku ressaq korrispondenza minghand il-Floriana Ajax fejn offrew lill-Kunsill biex b'mod kongunt itellghu il-Presentation Night. Il-Kunsill qabel bil-kundizzjonijiet tas-soltu.

3.8 Is-Sindku ressaq korrispondenza minghand WM Environmental Ltd. fejn ikkontesta l-ilmenti mressqa lilu dwar l-iskart li qed jitpogga fil-kantunieri.

3.8.1 Is-Sindku qal li r-residenti stess kienu nformawh li kienu qatghu qalbhom ihalluh wara l-bieb taghhom minhabba li meta jaghmlu hekk ta' sikwit il-boroz ma jingabrux.

3.8.2 Is-Sindku qal li l-vizzju li r-residenti jitghu l-iskart taghhom fil-kantunieri, kienu derruhulom il-kuntratturi.

3.8.3 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili u l-Kunsillier Vincent Borg argumentaw li l-Kunsill ma jistax iwahhal fi-kuntrattur ghal azzjoni li kienet qed issir mir-residenti.

3.8.4 Is-Sindku qal li l-ilmenti kienu hafna u gieli kien l-iskart tieghu stess li ma ngabarx u kien ghalhekk li kien cert milli qed jghid. Huwa qal ukoll li n-nies li kienu ressqu l-ilmenti kienu nies fidabbli.

3.8.5 Is-Sindku qal li r-responsabbilta' tieghu kienet li jara li l-Floriana tkun nadifa u ghalhekk jekk il-kunsilliera huma kuntenti b'dan li qed isir allura kellhom iwiegbu lin-nies huma.

3.8.6 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li hi mhux qed tghid hekk imma ssostni lil-Kunsill ma jistax iwahhal fil-kuntrattur meta l-affarijiet ma jkunux qed isiru minnu.

3.8.7 Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa x'kien qed isir mill-Kunsill biex ir-residenti ma jkomplux jitfghu il-boroz taghhom fil-kantunieri.

3.8.8 Is-Sindku qal li r-resident jirraguna li jekk il-kuntrattur qed jibghat bniedem biex jigbor il-boroz kollha f'kantuniera wahda, malajr jitghallem li jista' jaghmel l-istess haga hu. Kien ghalhekk li hu jhoss li l-ewwel m'ghandu jiehu azzjoni huwa l-kuntrattur.

3.8.9 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili pproponiet li tintbaghat cirkolari lir-residenti biex ma jkomplux jigmghu il-boroz fil-kantunieti. Is-Sindku qal li jkun favur din il-proposta il-mument li l-kuntrattur ma jibqax jibghat lill-haddiema tieghu jigbru l-iskart fil-kantunieri.

3.8.10 Is-Sindku qal ukoll li l-kuntrattur kien ilu gimghat ma jaghmilx xogholu u sahansitra lanqas jibghat lin-nies tieghu jiffirmaw minkejja li kellu ftehim mal-Kunsill.

## 4.0 Mistoqsijiet lis-Sindku

4.1 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li ftit qabel il-laqgha sab karta fil-photocopier li qed tintuza bhala propaganda ghal xi hadd fil-politika. Huwa qal li jhoss li min kien qed juza l-photocopier ghal dawn l-affarijiet kien qed jabbuza mill-fondi tal-Kunsill u jhoss li dan l-agir kien wiehed inaccettabli.

4.1.1 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li dan ma kienx accettabli u nsistiet li dan il-kaz ghandu jigi rrapurtat lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali.

4.1.2 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li din kienet wahda mill-frott ta' meta d-Dar tal-Kunsill Lokali tithalla miftuha.

4.1.3 Is-Sindku qal li m'ghandix taghmel insinwazzjonijiet bhal dawn u qal li kien hu stess li pogga l-karta fuq il-mejda, u li ma kienx qed jahbi l-kaz.

4.1.4 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li l-materja kien poggiha hu ghax kien hu li sab din il-karta fil-photocopier.

4.1.5 Il-Kunsill qabel li ghandu jaghmel ir-rapport lil-Borg tal-Gvernanza u jitlob li din il-materja tigi investigata.

4.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris saqsa meta kienu ser jinghtaw il-premjazzjonijiet ta' Jum il-Floriana. Is-Sindku qal li hu kien ippropona li l-gurnata ticcaqlaq sabiex ma tahbatx f'lejliet l-elezzjoni.

4.3 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili saqsiet jekk kienx hemm xi zviluppi dwar Triq il-Fosos. Il-Kunsillier Vincent Borg qal li kien iltaqa' mal-Perit li kellu jipprezenta stima ta' kemm ser jigi jiswa x-xoghol.

4.4 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili saqsiet jekk kienx hemm xi zviluppi dwar il-culverts fi Pjazza San Kalcidonju. Is-Sindku qal li kien intalab l-intervent tal-Perit sabiex tkun tista' tissolva l-problema b'mod permanenti. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li l-Perit kien issuggerixxa li jsir bis-CCTV izda kien gie nformat li dan mhux ser ikun possibli minhabba li s-CCTV ma tidholx ghax il-culvert huwa bblokkat. Huwa qal li nel frattemp, il-haddiem manwali kien mar jaghti titwila izda jidher li l-problema kienet temporanjament rizolta. Is-Sindku qal li l-Perit ghandu jaghmel l-investigazzjoni tieghu u jiggwida lill-Kunsill kif ghandu jipprocedi.

4.5 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili saqsiet jekk kienx hemm zviluppi dwar is-sleeping policeman fi Triq San Frangisk. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li kien ressaq l-applikazzjoni tal-Kunsill quddiem Transport Malta.

## 5.0 Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati

5.1 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li nhar it-Tlieta fid-9.30am is-sottokumitat taz-zamma tal-ordni pubblika kien ser jiltaqa' mas-Supretendent Stephen Mallia.

5.2 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili nformat lill-Kunsill b'rapporti li kellha li kien hemm persuna mhux maghrufa li kienet qed thabbat il-bibien tbiegh biljetti foloz tal-Floriana FC. Hija talbet li dan il-kaz jigi rraportat lill-Pulizija.

## 6.0 Rapporti minn Ufficjali tal-Kunsill

6.1 Ma kien hemm l-ebda rapporti minn ufficjali tal-Kunsill.

## 7.0 Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti u Materji Finanzjarji

7.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta l-iskedi ta' pagamenti bir-referenza 102-05, li gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha.

7.2 Wara mozzjoni mressqa mill-Vici Sindku Matthew Paris u ssekondat mill-Kunsillier Vincent Borg, ittiehed vot favur l-approvazzjoni tal-hlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati bhala cekk nru 12586 sa 12593, bir-rizultat:

Favur: 4 (MP, VB, DSH, NH)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

7.3 Ghaldaqstant, l-iskeda ta' pagamenti sabiex jigu approvati l-hlasijiet għaddiet u giet iffirmata mis-Sindku, minn zewg kunsillieri u mis-Segretarju Ezekuttiv.

## 8.0 Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet

8.1 Ma kien hemm l-ebda mozzjonijiet / rakkomandazzjonijiet.

## 9.0 Progett Binja Vilhena

9.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li x-xoghol kien ghaddej b'pass normali u li minn fuq il-post kienu tnehhew ammont kbir ta' siringi perikoluzi.

9.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li l-kuntrattur ghandu jtih skeda ezatt ta' kif ser ikompli x-xoghol l-ghada. Is-Sindku qal li l-Kunsill ghandu jesigi li x-xoghol jitkompla malajr kemm jista' jkun.

9.3 Il-Vici Sindku qal li ghandu jibghat l-iskeda lill-kunsillieri appena jirceviha.

## 10.0 Progett tal-Forzi Armati - Taht il-Forka

10.1 Is-Sindku fetah id-diskussjoni billi qal li l-gurnata ta' qabel kienet inzammet laqgha fejn kien gie spjegat lir-residenti dak li ntqal fil-laqgha li nzammet mal-Forzi Aarmati ta' Malta. Huwa qal li hafna mir-residenti ma kienux sodisfatti bl-andament tal-progett.

10.2 Is-Sindku qal li kien hemm proposta biex il-Kunsill izomm petizzjoni flimkien mar-residenti li eventwalment tigi pprezentata lill-awtoritajiet sabiex l-awtoritajiet jiehdu hsieb li z-zona tkun iktar idonja ghal min juza z-zona ghar-rikreazzjoni.

10.3 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li hu jhoss li l-weghda li kienet saret mill-Ministru Mallia lill-Kunsill u lir-residenti, ma kinietx inzammet u ghalhekk kien ser jappoggja din il-proposta b'mod shih.

10.4 Il-Kunsillier Vincent Borg issuggerixa li jinhatar kumitat t'azzjoni. Il-Kunsill qabel.

10.5 Il-Kunsillier Vincent Borg issuggerixxa wkoll li tintalab laqgha mal-Ministru Abela li matulha jitressqu l-ilmenti li kienu qed iqumu. Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili pproponiet li l-Kunsill jitkellem ukoll ma' Chris Agius sabiex jigu diskussi l-*huts* fiz-zona.

10.6 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li wahda mill-ikbar preokkupazzjonijiet tan-nies kienet li z-zona kienet ser tickien b'tali mod li mhux ser tibqa' takkomoda lill-kulhadd.

10.7 Il-Kunsill qabel mal-proposta li tintalab laqgha mal-Ministru Abela fejn jirringrazzjah tal-laqgha li nzammet mal-forzi armati ta' Malta u jinformah li in vizta tac-cirkostanzi ihoss li jkun ahjar jekk tinzamm laqgha mieghu.

10.8 Il-Kunsill qabel ukoll li ghandha tohrog sejha ghal min jixtieq jaghmel parti mill-kumitat propost.

10.9 Is-Sindku ppropona li jsir avviz fuq in-noticeboards tal-Kunsill kif ukoll fuq il-pagna ta' Facebook. Huwa ppropona li jinghata cans sa nhar it-Tlieta ghal min jixtieq jissieheb fil-kumitatazzjoni li ser jiddiskuti mal-awtoritajiet il-progett ta' taht il-Forka.

10.10 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li fil-laqgha li nzammet mal-Perit, il-Kunsill kien gie mitlub jindika fejn ser isiru l-bankijiet. Is-Sindku qal li l-kuntrattur kellu jiehu hsieb kollox. Is-Segretarju Ezekuttiv ikkonferma dak li ntqal. Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ghalhekk talbet lill-Kunsill sabiex jikteb lill-kuntrattur.

10.11 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li idealment il-Kunsill ivara l-petizzjoni mil-lum. Il-Kunsill qabel fuq id-draft tal-petizzjoni li ghandha tintuza hekk kif diskuss. (Ara Anness)

## 11.0 Vettura ghall-Kunsill Lokali

11.1 Is-Sindku fetah id-diskussjoni billi qal li hu kien iccekkja mal-persuna li kienet qed tipprova ggib sponsorship ghall-vettura izda s'issa kien ghad m'hemm l-ebda risposta.

11.2 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili pproponiet li jinbdew il-proceduri sabiex jinxtara vann. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

11.3 Is-Segretarju Ezekuttiv qal li ghalissa l-Kunsill ma kellux il-finanzi biex jipprocedi u xorta wahda ser ikollu bzonn johrog sejha minhabba r-restrizzjonijiet fil-ligi.

## 12.0 Kuntratt ta' separazzjoni tal-iskart

12.1 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili saqsiet jekk is-Segretarju Ezekuttiv kienx ikkuntattja lill-GreenMT dwar l-offerta'. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li kien bat iktar minn email wahda izda baqa' ma rceviex risposta.

12.2 Ghalhekk wara mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili favur l-approvazzjoni tal-ghazla tal-Green MT a bazi li din il-kumpanija kienet toffri valur monetarju, i ssekondata mill-Kunsillier Vincent Borg, ittiehed vot fejn kien hemm qbil unanimu.

**Nota: 18:54 Il-laqgha tal-Kunsill giet sospiza.**
**19:09 Il-laqgha tal-Kunsill tkompliet.**

## 13.0 Evalwazzjoni ta Offerti

### 13.1 Tiswija tad-dawl dekorattiv fi Triq Sant'Anna

13.1.1 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Vincent Borg favur l-ghazla tal-offerta ta' KDF Ltd a bazi li kienet l-irhas offerta', issekondata mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili, ittiehed vot bir-rizultat kien:

Favur: 3 (VB, DSH, NH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

13.1.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris talab li jigi rrekordjat li r-raguni ghalfejn kien qed jastjeni hija minhabba li d-direttur tal-kumpanija KDF Ltd. kien klijent tieghu.

13.2 **Esklussivita ta' bejgh ta' ikel u xorb**

13.2.1 Wara mozzjoni mressqa mill-Vici Sindku Matthew Paris favur l-ghazla tal-offerta ta' Barcode Events a bazi li kienet l-unika offerta', issekondata mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili, ittiehed vot bir-rizultat kien:

Favur: 4 (MP, DSH, VB, NH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

13.3 **Ghelug u ftuh, tindif tal-gonna**

13.3.1 Il-Kunsill qabel li ghandha ssir l-analizi u l-verifika tal-offerti qabel ma tittiehed decizjoni.

## 14.0 Traffiku u Parkegg

14.1 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li kienet giet avvicinata minn residenti li joqghodu fi Pjazza San Kalcidonju fejn informawha li fl-ispazji riservati ghall-karozzi ufficjali tal-Pulizija kienu qed jipparkjaw karozzi personali. Hija ressqet ritratti ta' karozzi personali pparkjati f'dawn l-ispazji ta' parkegg.

14.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris saqsa jekk dawn il-karozzi setghux ikunu karozzi ta' pulizija pajzana. Il-Kunsilliera Sammut Hili qalet li l-ispazji kienu riservati ghal-karozzi ufficjali tal-Pulizija.

14.3 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li ma setghetx tifhem fejn qed ikunu l-gwardjani lokali u ghalfejn ma jaghtux citazzjonijiet lil min jipparkja fuq dawn l-ispazji.

14.4 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili pproponiet li l-Kunsill jikteb lill-Kummissarju tal-Pulizija u jibghatlu r-ritratti pprezentati sabiex jiehu azzjoni. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

14.5 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li l-ftehim li l-Kunsill kellu mal-Pulizija kien li l-karozzi li jipparkjaw f'dawn l-ispazji kellhom ikunu karozzi ufficjali u mhux personali.

14.6 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ssuggeriet li l-Kunsill jaghti ultimatum u jekk is-sitwazzjoni tibqa' tali allura ghandhom jitnehhew il-parkeggi riservati b'mod immedjat. Il-Kunsill qabel u qabel ukoll li ghandu jsejjah laqgha mal-ufficjal awtorizzat responsabbli mill-gwardjani lokali.

14.7 Is-Sindku Nigel Holland qajjem ukoll il-problema tal-ipparkjar fi Triq Antonio Agius u Triq l-Imhazen kif ukoll toroq dojoq ohra. Is-Sindku qal li kien hemm ilmenti li qed jinghataw citazzjonijiet lil xi whud izda ma jinghatawx lil kulhadd.

14.8 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li ta' sikwit kien qed jinnota li l-gwardjani lokali jkunu f'ristoranti u bars tal-ikel.

14.9 Is-Sindku qal li hu mhux kuntent bis-sitwazzjoni ezistenti specjalment bil-fatt li l-gwardjani lokali qeghdin jintalbu jharrku fit-Telgha tal-Kurcifiss u fi Triq Sarria – postijiet fejn jistghu johorgu ammont kbir ta' citazzjonijiet.

14.10 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li jixtieq li jinghata idea ta' kemm-il citazzjoni qed tinhareg fi Triq Sarria. Il-Vici Sindku Matthew Paris talab sabiex din il-lista tigi ccirkolata lill-kunsillieri kollha.

14.11 Is-Sindku qal li d-diskriminazzjoni qatt m'hi accettabli u jekk il-Kunsill ihoss li f'xi triq partikolari m'ghandhomx jinhargu citazzjonijiet, allura l-gwardjani lokali ghandhom ikunu nformati li hadd ma jista' jitharrek u mhux jigu mharrka whud biss.

14.12 Is-Sindku nsista wkoll li fil-laqgha li tintalab mal-Ufficjal Awtorizzat, ghandhom ikunu mitluba jkunu prezenti wkoll il-gwardjani lokali.

14.13 Is-Sindku ressaq talba minghand il-CARITAS fejn talbu li jinghata parkegg riservat ghall-Kap Ezekuttiv. Il-Kunsill ma qabilx ladarba skont il-linji gwida ta' TM, dawn ma kienux intitolati ghall-parkegg riservat.

14.14 Is-Sindku ghamel riferenza ghal talba li saret b'mod ricenti mill-Floriana Basketball Club. Huwa qal li ma jistax jifhem kif din il-materja harget fil-pubbliku u jesiegi li jekk hemm kunsillieri li taw x'jifhmu li xi hadd kien favur it-talba allura kellhom jitkellmu b'mod car u jghidu l-verita' kollha.

14.15 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li ladarba talba titressaq quddiem il-Kunsill, din issir pubblika specjalment ladarba tigi minutata.

14.16 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li ma setghetx tifhem ghalfejn din it-talba kienet qed tigi diskussa ladarba l-istess talba kienet giet irtirata.

14.17 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li hu kien sar jaf biha lejliet meta gie avvicinat minn xi residenti.

14.18 Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa ghalfejn ma kienx qed jinghata permess temporanju lil certu nies li ma jkollhomx il-karta tal-identita' fuq il-Floriana dejjem jekk it-talba tkun wahda ragjonevoli jew kaz straordinarju.

14.19 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li l-Bord tal-Verifika qed iwaqqaf kull applikazzjoni u thoss li ghandu jkun iktar ragjonevoli f'kazijiet straordinarji. Il-Vici Sindku Matthew Paris fakkar li kien hemm ukoll il-Bord tal-Appell.

14.20 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li jhoss li wasal iz-zmien li l-Kunsill jirrevedi l-kundizzjonijiet u jara li certu kazijiet straordinarji jintlaqghu.

14.21 Il-Vici Sindku Matthew Paris ippropona li l-Kunsill jaghti lill-Bord tal-Verifika linji gwida ma' xiex jimxi. Is-Sindku qal li ricentement is-Segretarju Ezekuttiv kien ressaq aboozz tal-linji gwida lill-Kunsill.

14.22 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li l-Kunsill ghandu jara min qed jabbuza mis-sistema u jitolbu jirritorna lura l-permess.

14.23 Is-Sindku qal li hu ta' sikwit jinforma lill-istaff sabiex jitolbu lil xi hadd jirritorna permess. Huwa qal li sta ghall-kunsillieri li jigbdu l-attenzjoni meta jinnotaw xi abbuz.

14.24 Il-Kunsillier Vincent Borg u l-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalu li huma gieli ghamlu rapporti wkoll.

14.25 Is-Sindku Nigel Holland talab lill-kunsillieri biex jekk kien hemm xi hadd li xtaq iressaq xi emendi fil-linji gwida, ghandu jaghmel dan mill-aktar fis.

## 15.0 Inventarju tal-Assi tal-Kunsill

15.1 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill bil-lista ta' assi li kien qed jipproponi li jitnehhew minn fuq l-inventarju. Huwa spjega fuq fuq il-proposti tieghu u r-raguni ghalfejn kien qed jipproponi li l-ass jigi mnehhi.

| Code | Asset Description | Purchase Date | Purchase Price | - |
|---|---|---|---|---|
| CE019 | 1 Digital Camera & 1 Printer | 31/03/2004 | 396.23 | Beyond Economical repair |
| CE027 | Laser Printer | 01/04/2009 | 97.83 | Beyond Economical repair |
| CN123 | Supply of Cold Asphalt | 18/03/2010 | 225.14 | Maintenance and not Capital |
| OE023 | Geyser | 08/10/2001 | 60.1 | Beyond Economical repair |
| OE035 | Nikon digital Camera | 20/02/2006 | 281.27 | Beyond Economical repair |
| OE036 | Digital Card 256MB | 24/03/2006 | 32.61 | Beyond Economical repair |
| OE040 | Christmas Decorations | 05/12/2006 | 408.81 | Beyond Economical repair |
| OE042 | CCTV System | 06/01/2007 | 3312.14 | Replaced by new CCTV Upgrade |
| OE049 | Sandwich Toaster | 16/02/2008 | 30.58 | repalced by New Toaster |
| OE067 | Tizjon tal-Milied Balzunetta | 25/11/2011 | 540 | Beyond Economical repair |
| UI038 | Goal Poles and Bollards | 15/01/2003 | 616.12 | Replaced by new synthetic pitch |
| UI085 | Aluminium Works at P/Convenience KGV | 12/04/2006 | 1077.47 | Replaced by New Public Convenience |
| UI088 | Xogholijiet fil-Latrini KGV | 04/05/2006 | 4561.61 | Replaced by New Public Convenience |
| UI211 | 8 Pots | 09/09/2011 | 320 | Broken and Discarded |
| UI185 | Maintenance KGV | 21/04/2010 | 528 | Maintenance and not Capital |
| UI049 | Maintenance Vilhena | 05/04/2004 | 1965.29 | Replaced by New Electrical Installation |
| UI004 | Metal railings - St frances Street | 08/08/1997 | 600.51 | Replaced by Bollards in 2010 |
| UI005 | Metal railings - St frances Street | 08/08/1997 | 223.23 | Replaced by Bollards in 2010 |
| UI006 | Road Studs - Crucifix Hill | 19/12/1997 | 203.82 | Replaced by new resurfacing |
| UI007 | Road Studs - St Frances Street | 19/12/1997 | 163.06 | Replaced by new resurfacing |
| UI068 | Bollards with Planters - Triq Kosnervatorju | 13/03/2006 | 3298.39 | Replaced by Bollards in 2014/5 |

15.2 Il-Kunsill qabel li ghandhom jitnehhew l-assi suggeriti.

15.3 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ssuggeriet li l-Kunsill iwahhal planter fi Triq is-Suq. Il-Kunsill qabel mal-proposta u qabel li ghandu jordna wiehed.

## 16.0 Bankini fi Triq il-Konservatorju

16.1 Is-Sindku Nigel Holland qal li hu kien tkellem mal-kumpanija GO u kien sodisfatt li kien hemm risposta immedjata. Huwa kompla billi qal li kien hareg bis-suggeriment li l-Kunsill jaqta' l-kurduna, xoghol li ghalih kienet ingiebet kwotazzjoni li tammonta ghal €700.

16.2 Is-Segretarju Ezekuttiv qal li hu kien tkellem ma' Transport Malta biex jara jekk pajp kellux ikun fil-wicc u qal li qed jistenna risposta minghand xi hadd li kien espert sabiex ikollu parir iktar dettaljat.

16.3 Is-Sindku qal li hu kien ser jipprova jaghmel l-almu tieghu sabiex il-progett ikun jista' jitkompla. Huwa qal li nel frattemp, Dion Galea seta' jkompli n-naha l-ohra wkoll.

## 17.0 Ktejjeb Hidmet il-Kunsill Lokali Floriana 2012-2015

17.1 Is-Sindku saqsa jekk kienux intalbu kwotazzjonijiet ghal dan il-ktejjeb. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li hu kien sab prezz tajjeb li huwa hafna irhas minn dak li kien hallas fis-snin precedenti.

17.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li hu kien hadem fuq il-werrej u issa kien jonqsu xi kitbiet ta' xi kunsillieri. Huwa nsista li l-materjal ghandu jasal sa qabel nhar it-Tnejn li gej inkella l-pubblikazzjoni mhux ser tilhaq tkun lesta. Huwa fakkar li qabel il-printing ghad fadal il-proof reading, id-disinn kif ukoll ir-ritratti.

17.3 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li hi ma taqbilx li ghandu jinhareg wara l-ahhar gimgha ta' Marzu.

## 18.0 Aġġornament tal-laqgħa

18.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgha li jmiss ghandha ssir nhar il-Erbgha 8 t'April 2015 fit-8.30am.

Il-laqgha ntemmet fit-19.55.

Nigel Holland
Sindku

Svetlick J. Flores
Segretarju Ezekuttiv